**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-16 ta' Novembru, 2018**

**Talba Numru: 425/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 41.**

**GO p.l.c. (C22334)**

**GO, Triq Fra Diegu,**

**Marsa MRS 1501**

**Vs**

**Diandra Pace (270985M)**

**Blokk 1, Ent 87, Flat 4,**

**Triq San Gwann,**

**Bormla**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fil-31 ta' Awwissu, 2018 li permezz tieghu talbet li l-kovenuta tigi ordnata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tnejn u sebghin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€672.21c) dovuta in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40177853.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma sitt mija u tnejn u sebghin ewro u wiehed u ghorin centezmu (€672.21c) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 845/17 huma a kariku tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**